MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Numru 1138/2012

**Il- Pulizja**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**Vs**

**JOSEPH BONNETT**
**PAUL CAMILLERI**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoniet migjuba kontra Joseph Bonnet, ta’ 34 sena, iben Carmelo u Giovanna nee’ Attard, imwieled Pieta`, nhar il-11 ta’ Gunju, 1978, residenti gewwa Dar Frate Jacoba, Wied iz-Ziju, Marsaskala u detentur tal-karta ta’ l-identita’ 0304478(M) u Paul Camilleri, ta’ 32 sena, iben Anthony u il-mejta Josephine nee’ Sciberras, imwieled Pieta`, nhar l-20 ta’ Dicembru, 1979, residenti gewwa 32, Fuq Verdala, Bormla u detentur tal-karta ta’ l-identita’ 013780(M), fejn gew akkuzati :

1. talli fit-29 ta' Ottubru, 2012, ghall-habta ta' 23:45hrs ta' filghaxija, bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe' delitt ta' serq aggravat ta ram u affarijiet ohra, minn gewwa Scrapyard, gewwa Triq Ghar Dalam, Birzebbugia, taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom u li kieku dan id-delitt gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-hin, bil-persuna, u bil-valur, li jeccedi aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) izda li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), ghad-dannu ta' Carmelo Bonnett;

**U nakkuza lil Joseph Bonnett wahdu talli b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zmienijiet differenti w li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe':**

2. Nakkuzah talli, fit-29 ta' Ottubru, 2012 u/jew fil-gimghat ta' qabel, gewwa dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' diversi affarijiet tar-ram u oggetti ohra ghad-dannu ta' Carmelo Bonnett, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-persuna, u bil-valur, li jammonta iktar minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

3. U aktar talli fl-istess data u/jew fil-gimghat ta' qabel, f'dawn il-gzejjer xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun imdahhal biex ibieghhom jew imexxihom;

4. U nakkuzah talli kiser diversi kondizzjonijiet imposti fuqu mill-istess Onorabbli Qorti meta nhar it-22 ta' Gunju, 2011 inghata sentenza ta' art.22 Kap 446 ghal sentejn mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D.;

5. Finalment nakkuza lil Joseph Bonnett talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi mill-Qrati

Maltin, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula;

Rat li waqt l-udjenza ta’ llum stess tal-31 ta’ Ottubru, 2012 l-imputati iddikjaraw li huma hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghom, liema ammissjoni huma irriaffermaw wara li nghataw zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw din l-ammissjoni taghhom.

Illi in vista ta’ din id-dikjarazzjoni ta’ l-imputati, il-Qorti giet ikkonvertita f’wahda ta’ Gudikatura Kriminali;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Kevin Pulis bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena jew sanzjoni li ghandha tinghata;

Ikkunsidrat:

Illi la darba l-imputati irregistraw ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoniet kollha migjuba kontra taghhom, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, il-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarahom hatja peress li ghalhekk l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom jinsabu sodisfacentement ippruvati.

Illi in tema ta’ piena l-Qorti kkunsidrat is-sottomissjonijiet ta’ l-Ufficjal Prosekutur fejn qal li dan huwa kaz klassiku ta’ zewg persuni bil-vizzju tad-droga li kellhom bzonn il-flus. Irrileva wkoll illi l-aggravji huma dawk li huma, u li kif jirrizulta mill-istqarrija taghhom, l-imputati ikkoperaw minnufieh. Fil-konfront ta’ Paul Camilleri irrileva li din kienet l-ewwel darba izda dwar Joseph Bonnet jghid li din kienet wahda fost ta’ l-anqas tmien darbiet ohra. Irrileva li wiehed ma jistghax jinsa li l-vittma huwa missieru stess. Ghamel ukoll referenza ghall-fedina penali ta` l-istess Joseph Bonnett.

Illi in tema ta’ piena il-Qorti ikkonsidrat ukoll is-sottomissjonijiet tad-difensur ta’ l-imputati. Dwar Paul Camilleri enfasizza li l-aggravju tal-persuna, kif iddikjarat mill-prosekuzzjoni, m’ghandux japplika ghal tali imputat. Dwar l-imputat Joseph Bonnet jirrileva li dan ghandu problema akuta tad-droga u li dan ghandu relazzjoni xejn serena ma’ missieru. Irrileva li Joseph Bonnett kien taht l-impressjoni li dak li qed jaghmel seta jaghmlu bi dritt. Irrileva wkoll li dan zgur ghandu bzonn programm ta’ riabilitazzjoni mill-abbuz tad-droga.

Illi l-Qorti ikkunsidrat ukoll l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputati u l-piz li dan il-fatt igib mieghu meta l-Qorti tigi biex tikkalibra l-piena jew sanzjoni.

Ghall-dawn il-mottivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 41(1)(a), 49, 50, 261, 267, 268, 270, 279(a)(b), 280(1), 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif wkoll l-Artikoli 22 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lil Joseph Bonnet hati ta’ l-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba’ (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet, u filwaqt li qed titratta mieghu skond l-Artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah komplessivament ghall-piena ta’ prigunerija ta’ tlett (3) snin; tasjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet (3) imputazzjoni stante li din inghatat bhala wahda alternattiva ghat-tieni (2) imputazzjoni. Issib lil Paul Camilleri hati ta’ l-unika akkuza numru wiehed (1) migjuba kontra tieghu, hlief ghall-kwalifika tal-persuna u konsegwentament, billi hija tal-fehma li fic-cirkostanzi, piena karcerarja ma hijiex piena idonja u billi jissussistu l-elementi ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, a tenur ta’ l-istess Artikolu, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin millum. Il-Qorti fissret lil hati Paul Camilleri bi kliem li jinftiehem, il-konsegwenzi legali ta’ din is-sanzjoni imposta fuqu.

Il-Qorti tordna li, *ai termini* ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-atti kollha ta’dan il-procediment u kopja ta’ din is-Sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------